MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Numru 1159/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Alexander Grech**
**vs**
**Christian Bonello**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Christian Bonello ta' 23 sena iben Victor u l-mejta Rita nee' Vassallo mwieled Pieta fit-2 ta' Frar 1985 u residenti 78 Triq Ghajn Dwieli Paola ID 110985M.**

**Akkuzat talli fil-25 ta' Novembru 2008 ghall-habta ta' 8.00pm waqt li kien fi Triq Bormla Pala kkommetta serq ta' incidrata 'soft top' valur ta' madwar 931.75 Euro minn go vettura bin-numru BBL 481 ta' l-ghamla Suzuki ghad-dannu ta' Shirley Galea minn Rahal il-Gdid, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin u xorta**

**tal-haga misruqa u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 261(c), (f) u (g), 267, 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal din l-imputazzjoni u ghal daqstant din giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), (f), (g), 267, 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda flok tikkundannah qed tpoggieh taht il-harsien ta’ Probation Officer ghal zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat bl-iktar mod car xi jfisser li toqghod ghar-rieda tal-Probation Officer. Dan ser ikun ifisser li anke tista’ taghmel testijiet tal-urine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------